MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 202/2008

**Pater Finance Co. Ltd (C 22643)**

**vs**

**J.G. Rentals Ltd. (C 36749) u Daniela Debattista (ID 277069M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti Pater Finance Co. Ltd.fejn ippremettiet:-

Illi Marcel Avellino in rapprezentanza tas-socjeta' esponenti bil-gurament tieghu jikkonferma :

1. Jiena ghandi r-rapprezentaza guridika tas-socjeta' rikorrenti

2. Illi l-intimati huma debituri *in solidum* tas-socjeta' rikorrenti, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors

guramentat odjern, fis-somma ta' disgha u disghin elf disa' mija u sitta u tmenin Ewro u erba' centezmi (€99,986.04) ekwivalenti ghal Lm42,924.00, kif ukoll l-imghax fuq l-imsemmija somma sas-6 ta' Frar 2008 fl-ammont ta' hamest elef disgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,059.06) ekwivalenti ghal Lm2,171.85, dovuti:

a) in kwantu ghal €50,594.04 (Lm21,720.02) import ta' tnejn u ghoxrin (22) kambjala, wahda ta' €2,019.57 (Lm867.00) [bilanc minn somma ikbar] u l-ohrajn ta' €2,313.07 (Lm993.00) il-wahda, skaduti minn Mejju 2006 sa Frar 2008 u mhux imhallsa, li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkati bhala dokumenti minn 1 sa 22, konsekuttivament u inklussivament, u in kwantu ghal €2,260.06 (Lm970.24) rapprezentanti imghax sas-6 ta' Frar 2008 fuq l-imsemmija somma ta' €50,594.04 (Lm21,720.02) skond *Account* numru 001300075; u

b) in kwantu ghal €49,392 (Lm21,203.98) import ta' tmintax (18) –il kambjala ta' €2,744 (Lm1,178) il-wahda, skaduti minn Settembru 2006 sa Frar 2008 u mhux imhallsa, li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkati bhala dokumenti minn 23 sa 40, konsekuttivament u inklussivament, u in kwantu ghal €2,799 (Lm1,201.61) rapprezentanti imghax sas-6 ta' Frar 2008 fuq l-imsemmija somma ta' €49,392 (Lm21,203.98) skond *Account* numru 001300076.

3. Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi, sabiex ihallsu l-imsemmi debitu, izda baqghu inadempjenti.

4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza, sabiex is-socjeta' rikorrenti tithallas dak li huwa dovut lilha mill-intimati *in solidum* bejniethom.

5. Illi Marcel Avellino jaf bil-fatti suesposti personalment.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' rikorrenti tablet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-intimati solidament bejniethom ghandhom jaghtu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' disgha u disghin

elf disa’ mija u sitta u tmenin Ewro u erba’ centezmi (€99,986.04) ekwivalenti ghal Lm42,924.00, kif ukoll l-imghax fuq l-imsemmija somma sas-6 ta’ Frar 2008 fl-ammont ta’ hamest elef disgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,059.06) ekwivalenti ghal Lm2,171.85, dovuti mill-intimati solidament bejniethom kif fuq spjegat.

2. tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ disgha u disghin elf disa’ mija u sitta u tmenin Ewro u erba’ centezmi (€99,986.04) ekwivalenti ghal Lm42,924.00, kif ukoll l-imghax fuq l-imsemmija somma sas-6 ta’ Frar 2008 fl-ammont ta’ hamest elef disgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,059.06) ekwivalenti ghal Lm2,171.85, dovuti mill-intimati solidament bejniethom kif fuq spjegat.

Bl-imghax legali ulterjuri mis-7 ta’ Frar 2008 sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha kontra l-intimati inkluzi dawk tal- Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju Nru.219/08 tal-14 ta’ Frar 2008, li r-rapprezentanti guridici tal-kumpanija intimata u l-intimata Daniela Debattista huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci;

Rat li l-intimati msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti kif ukoll dik ta’ Dr. Stephen Muscat li kkonferma li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza u l-ammont rikjest fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Rat il-verbal tallum 25 ta’ Gunju 2008;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-intimati **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat b'dan illi:

1. tiddikjara illi l-intimati solidament bejniethom ghandhom jaghtu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' disgha u disghin elf disa' mija u sitta u tmenin Ewro u erba' centezmi (€99,986.04) ekwivalenti ghal Lm42,924.00, kif ukoll l-imghax fuq l-imsemmija somma sas-6 ta' Frar 2008 fl-ammont ta' hamest elef disgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,059.06) ekwivalenti ghal Lm2,171.85, dovuti mill-intimati solidament bejniethom kif fuq spjegat.

2. tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' disgha u disghin elf disa' mija u sitta u tmenin Ewro u erba' centezmi (€99,986.04) ekwivalenti ghal Lm42,924.00, kif ukoll l-imghax fuq l-imsemmija somma sas-6 ta' Frar 2008 fl-ammont ta' hamest elef disgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,059.06) ekwivalenti ghal Lm2,171.85, dovuti mill-intimati solidament bejniethom kif fuq spjegat.

Bl-imghax legali ulterjuri mis-7 ta' Frar 2008 sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha kontra l-intimati inkluzi dawk tal- Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru.219/08 tal-14 ta' Frar 2008, li r-rapprezentanti guridici tal-kumpanija intimata u l-intimata Daniela Debattista.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------